MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 12

27 ta' Novembru 2013

Minuti tas-seduta Nru.12 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru 2013

**PREŻENTI**

Il-Kunsillieri kollha.

**TALBA**

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali (Z/1/Vol V)**

Fil-bidu tas-seduta s-Sindku laqa' lis-Sinjorina Raquel Cutajar li ġiet uffiċjalment approvata mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali bħala l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-qadi ta' din il-funzjoni għandu jkun strument ta' konsultazzjoni għall-Kunsill fit-teħid ta' deċiżjonijiet illi jolqtu liż-żgħażagħ. Minkejja li din il-ħatra m'għandiex id-dritt tal-vot, l-opinjoni espressa għandha tingħata widen, minħabba l-konnessjonijiet diretti li jkollha maż-żgħażagħ u l-perċezzjoni tagħhom fuq diversi aspetti dwar it-tmexxija tal-lokalita`.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 19.3. tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif jidher hawn taħt:

> *"19.1. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tal-pedestrian crossing, peress li Triq tas-Salib hija wiesgħa ftit inqas minn 5 metri, kif ukoll minħabba li din teħtieġ l-installazzjoni tal-belisha beacons. Minkejja dan, is-suġġeriment dwar ir-raised plateau ġie approvat.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 11, bl-emenda t'hawn fuq. Is-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Tmexxija tal-*heritage trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol III)(P/10/3/A)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħlijiet żgħar li kienu għadhom pendenti qed jiġu trattati mill-kuntrattur Salamanda Ltd. Il-*Project Manager* kien qed jikkordina t-tħejjija tal-*artwork* u l-ġbir tal-materjal dwar t-tabelli ta' informazzjoni li jridu jitwaħħlu f'diversi siti fuq il-*heritage trail*.

2.1.3. Is-Segretarju għarraf li qed tiġi nstallata s-sistema tas-CCTV, filwaqt li għadu qed jiġi ppreparat l-istudju dwar it-tmexxija tal-*heritage trail*.

2.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jitkomplew il-kuntatti mal-Fondazzjoni ARKEO dwar it-tmexxija tal-*heritage trail*.

## 2.2.1. Premju Żagħżugħ tas-Sena 2013 (N/1/Vol II)

2.2.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li n-nomina ta' Karl Andrew Schembri ma ġietx sottomessa, peress li ma kinitx tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti mill-organizzaturi.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

2.3.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa attenda konferenza stampa li saret mill-kumitat imsemmi, li fiha ġew ppreżentati ċertifikati ta' parteċipazzjoni lill-Kunsilli Lokali li ressqu n-nomina tagħhom, fosthom il-Mellieħa. Huwa qal li s-serata li fiha jiġu ppreżentati l-premjijiet ser issir fit-30 ta' Novembru 2013.

2.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jattendi s-Sindku u l-Kunsillier H. Fenech.

## 2.4.1. Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

2.4.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret applikazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ biex jintwera appoġġ fit-twaqqif tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Kompla jgħid li wieħed jistenna li jkun hemm l-interess mixtieq min-naħa taż-żgħażagħ individwali u japplikaw min-naħa tagħhom ukoll.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-progress li sar fuq dan il-proġett.

## 2.5.1. Ġirja tal-President b'riżq il-*Community Chest Fund* (K/11)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li kien hemm numru ta' persuni b'diżabilita` li wrew interess li jieħdu sehem fl-attivita` imsemmija u għalhekk ikun vijabbli li tinkera *minibus* biex twassal il-grupp kollu f'Santa Venera, kemm-il darba t-temp ikun jippermetti.

2.5.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

## 2.6.1. Użu tal-*Multi-Purpose Court* fil-Park tal-Familja (P/4/6/1)

2.6.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li l-ħinijiet tal-kustodju għandhom jimxu lura b'nofs siegħa bil-għan li jkunu jaqblu ma' dawk li matulhom isir it-taħriġ mit-timijiet tal-basketball u n-netball.

2.6.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u għalhekk iddeċieda li bejn Novembru u Marzu, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, għandhom ikunu bejn l-4.30pm u t-8.30pm.

2.6.4. Is-Sindku għarraf li s-Sur Simon Brincat wera x-xewqa li jagħti sessjonijiet ta' taħriġ fil-*wieght lifting* lit-tfal fl-etajiet bejn 10 u 13-il sena. Huwa spjega li s-Sur Brincat huwa appoġġjat mill-Malta Weight Lifting Association, li ser tipprovdilu l-attrezzaturi meħtieġa. Huwa talab post sabiex ikun jista' jsir dan. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li jingħata waħda mill-kmamar li hemm fid-*dressing rooms* fil-Park tal-Familja.

2.6.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 22/11/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 31/10/13 – 22/11/13;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz ta' *policy* dwar attivitajiet fil-beraħ;
- Minuti – Sotto-Kumitat Ambjent – 22/10/13;
- Minuti – Sotto-Kumitat Manikata – 23/10/13;

- Skeda ta' stimi dwar id-dwal, l-*audio* u l-palk għall-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi 2013;
- Skeda ta' stimi dwar il-provista u nstallazzjoni ta' aparat meħtieġ biex isir *live streaming* ta' seduti tal-Kunsill;
- Minuti – Laqgħa mal-lukandiera li joperaw fil-lokalita` - 04/11/13;
- Abbozz ta' skeda dwar ħinijiet ta' ftuħ u attendenza fil-latrini pubbliċi

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Kontroll fuq il-popolazzjoni tal-qtates (A/9)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 18 ta' Novembru 2013 mibgħuta Animal Care Malta, fejn appellaw għall-appoġġ tal-Kunsill sabiex jiġu sterilizzati qtates li jkunu jiġġerrew fit-toroq, bil-għan li jiġi kkontrollat in-numru tagħhom. Kopja tal-istess komunikazzjoni ntbagħtet lis-Segretarju Parlamentari għas-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

4.1.3. Is-Sindku ikkummenta li għandu jiġi aċċertat li l-isterilizzazzjoni tal-annimali ma tikkostitwix moħqrija tal-annimali.

4.1.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru l-verifiki meħtieġa mal-*Veterinary and Phytosanitary Regulation Department*

### 4.2.1. Ipparkjar ta' vetturi fi Triq it-Tramuntana (T/3/2/Vol XII)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 17 ta' Novembru 2013, mibgħuta mill-Għaqda Mużikali Imperial illi lmentaw mill-ingombru li qed isibu quddiem il-bieb numru 61, fuq wara tas-sede tagħhom min-naha ta' Triq it-Tramuntana.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinħareġ permess darba, li jiġġedded kull sentejn, sabiex ikun jista' jitwaħħal fejn il-bieb in kwistjoni, kull meta l-għaqda tara l-ħtieġa tiegħu.

### 4.3.1. Festin tal-Milied fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

4.3.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għal *e-mail* datat 26 ta' Novembru 2013 li ntbagħtet mill-uffiċjal fid-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjan inkarigata miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Hija appellat sabiex il-Kunsill jikkontribwixxi ħalli jsir festin għall-anzjani li jattendu fl-okkażjoni tal-Milied.

4.3.3. It-talba ġiet approvata bil-kundizzjoni li tinħareġ *purchase order* min-naħa tal-Kunsill.

### 4.4.1. Preżentazzjoni ta' kotba lil Librerija Pubblika (L/4/Vol III)

4.4.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal *e-mail* datat 26 ta' Novembru 2013, mibgħut mill-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, fejn dawn għarrfu li jixtiequ jagħtu numru ta' kotba lil librerija pubblika tal-Mellieħa. Is-Sur J. Attard fakkar li l-istess organizzazzjoni kienet ħawlet 33 siġra fil-Park tal-Familja.

4.4.3. Il-Kunsill laqa' din it-talba, iżda ddeċieda li d-data sabiex issir il-preżentazzjoni għandha tiġi ffissata aktar 'il quddiem.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imessqa *Purchase Request Form* datata 22 ta' Novembru 2013.

5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-*item* numru 7 u talab sabiex jirreġistra l-interess tiegħu fi Nuov Consulting Ltd, u għalhekk irtira mid-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-*Purchase Request Form* fir-rigward tal-istess indirett li għandu f'*item*.

5.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn il-31 ta' Ottubru u t-22 ta' Novembru 2013.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 7.1. *Policy* dwar attivitajiet fil-beraħ organizzati minn operaturi ta' stabbilimenti (A/6/3/1/Vol 82)

7.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-abbozz li huwa ħejja u ġie mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta.

7.3. Wara li l-Kunsill ra u ddiskuta l-abbozz, kien hemm qbil li l-linji gwida illi għandhom jiġu addottati għandhom ikunu kif jidhru hawn taħt:

i. L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa lill-Kunsill mill-inqas xahar qabel id-data proposta;

ii. Ir-residenti u stabbilimenti oħra tal-qrib għandhom ikunu nfurmati bit-talba sabiex issir attivita` mill-inqas erba' ġimgħat qabel u oġġezzjonijiet bil-miktub jiġu kkunsidrati mill-Kunsill sakemm jaslu sa ġimgħa qabel.

iii. Il-Pulizija tad-distrett għandhom jintalbu jagħtu l-kummenti tagħhom, u fin-nuqqas ta' dan, jittieħed li ma jkunux qed isibu oġġezzjoni;

iv. F'każ li l-attivita` tkun tinvolvi l-għeluq tat-triq jew toroq, għandha tintalab superviżjoni ta' Gwardjani Lokali jew Pulizija skont il-ħtieġa, għas-spejjeż tal-organizzaturi;

v. It-triq jew toroq fejn tkun ser issir l-attivita` mgħandiex tingħalaq għal aktar minn tmien siegħat;

vi. Il-permess li jinħareġ għandu jkopri biss għat-tqiegħid ta' imwejjed u siġġijiet fit-triq;

vii. Ma tistax tindaqq mużika fil-miftuħ, sakemm din ma tkunx tifforma parti minn attivita` uffiċjali mtella' mill-Kunsill Lokali. Permess għad-daqq ta' mużika fuq barra jiġu kkunsidrati fit-tliet ijiem qabel il-Festa tal-Vitorja u f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena. Iżda f'dan il-każ, xorta waħda trid tkun osservata l-liġi;

viii. Apparti fil-granet speċifikati fil-paragrafu (vii), il-Kunsill jikkonsidra li jagħti permess darba waħda biss fis-sena lil kull applikant;

ix. Fejn it-talba ma tkunx tifforma parti minn attivita` organizzata mill-Kunsill, kull tip ta' mużika għandha tindaqq fl-istabbiliment, li bl-ebda mod m'ghandha ddejjaq lill-ġirien;

x. Il-Pulizija jkollhom d-dritt jwaqqfu l-attivita`, kemm-il darba jkun hemm raġunijiet li jidhrilha validi, skont il-liġi;

xi. L-applikant għandu jispeċifika fl-applikazzjoni l-arranġamenti dwar it-tindif tal-post wara li tintemm l-attivita`;

xii. L-attivita` għandha tkun koperta *public liability insurance policy*;

## 8.1. Arranġamenti tat-traffiku ġodda fi Triq Ġnien Ingraw, Triq l-Għollieqa, Triq il-Wied u Triq Mons. Indri Fenech (T/3/2/Vol XII)

8.2. Is-Sindku fakkar li l-intenzjoni tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tas-sistemi tal-*one-ways* fit-toroq imsemmija ġew imħabbra fl-edizzjoni tal-magazin "Mill-Qiegħa" ta' Novembru 2013.

8.3. Is-Segretarju qal li kien hemm petizzjoni, datata 11 ta' Ottubru 2013, iffirmata minn diversi residenti, favur din l-inizjattiva. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li kien hemm *e-mail* datat 13 ta' Novembru 2013 minn resident li jaqbel mal-proposta tal-*one-ways*, filwaqt li ġibed l-attenzjoni li dan l-arranġament għandu japplika għall-vetturi kollha bla eċċezzjoni.

8.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li permezz ta' ittra datata 11 ta' Novembru 2013, Trasport Malta approva l-arranġament , minkejja li oriġinarjament kienet tat parir sabiex il-Kunsill jikkonsulta mal-pubbliku qabel tittieħed deċizjoni finali.

8.5. Il-Kunsill approva t-tagħrif mogħti.

**9.1. Stimi dwar Provista, Installazzjoni, Ikkummissjonar u Manutenzjoni ta' Tagħmir meħtieġ għal *Online Streaming* ta' Seduti tal-Kunsill Lokali (I/1/3/Vol V)**

9.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għall-istimi – Nru. 11/2013 - dwar il-provista u l-installazzjoni tat-tagħmir imsemmi, għalqu fil-21 ta' Novembru 2013. Kien hemm żewġ offerenti li kwotaw kif jidher hawn taħt:

| Offerenti | Prezz Ikkwotat (Inkluż. 18% VAT) |
|---|---|
| Correct Termination Ltd | 2,389.50 |
| Smart Technologies Ltd | 2,077.98 |

9.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sottomissjonijiet illi saru ġew mgħoddija lill-inġiniera Galea Curmi Engineering Consultants sabiex jagħmlu rapport tekniku.

9.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**10.1. Stimi dwar il-Kiri u Tħaddim ta' Sistemi tal-*Audio* u Dwal, flimkien ma' Kiri ta' Palk b'rabta ma' Milied Mellieħi 2013 (A/5/3/6/Vol III)**

10.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għall-istimi – Nru. 10/2013 - dwar is-servizzi msemmi hawn fuq, liema sejħa għalqet fil-21 ta' Novembru 2013. Kien hemm żewġ offerenti li kwotaw kif jidher hawn taħt:

| Offerenti | Kiri, armar u żarmar ta' palk (€) | Kiri u tħaddim ta' tagħmir marbut mal-Audio (€) | Kiri, armar u żarmar ta' dwal għal palk (€) | Total (total inkluż il-V.A.T.) (€) |
|---|---|---|---|---|
| T.A.V. Warehouse | 406.78 | 1,864.41 | 1,101.69 | 3,980.00 |
| Light Sound & Vision (I.T.C. Ltd) | 550.00 | 1,200.00 | 650.00 | 2,832.00 |
| Sound Solutions | Prezz wieħed | | | 3,304.00 |
| Studio Seven Ltd | 200.00 | 2,453.00 | 931.68 | 4,229.92 |
| T.S.S. Sound Rentals | 847.46 | 1,355.94 | 574.58 | 3,278.00 |
| A.M.A.C. Ltd (Option A) | 700.00 | 700.00 | 700.00 | 2,478.00 |
| A.M.A.C. Ltd (Option B) | 700.00 | 945.00 | 944.00 | 3,055.02 |

10.3. Wara li l-Kunsill ra d-dokumentazzjoni sottomessa, kien hemm qbil li s-servizz għandu jingħata lill-A.M.A.C. Ltd (Option A) bil-prezz ta' €2,478.00, wara li ttieħdet in konsiderazzjoni l-prezz, l-esperjenza u l-mod kif ser jintrama d-dawl.

**11.1. Tħejjijiet għall-attivitajiet marbuta ma' Milied Mellieħi 2013 (A/5/3/6/Vol IV)**

11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li tkomplew il-kuntatti dwar l-attivitajiet imsemmija. Qal li fit-2 ta' Diċembru 2013 ser issir konferenza stampa li għaliha ser jattendi s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali – l-Onor Jose` Herrera - bil-għan li l-

attivitajiet jitħabbru uffiċjalment. Is-Sur C. Bartolo stieden lill-kunsillieri kollha sabiex jattendu. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li qed isiru kuntatti sabiex jiġu ppubblikati artikli bi ħlas fuq il-ġurnali ewlenin.

11.3. Is-Sur C. Bartolo qal li minbarra għotja ta' €7,000 taħt l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, sad-data tas-seduta kien hemm *sponsorship* ta' €200 minn Vodafone Ltd, fost oħrajn. Intqal ukoll li aparti l-għaqdiet, kull minn ser ikollu posta biex ibiegħ, ser jintalab kontribuzzjoni ta' €50.

11.4. Il-Viċi Sindku aġġorna lill-Kunsill bil-programm li qed jitħejja u spjega li dan jikkonsisti mill-*items* segwent:

| Il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru | Kunċert Vokali u Strumentali fil-Knisja tal-Manikata |
|---|---|
| Is-Sibt 21 ta' Diċembru | - Ftuħ tal-i*stands* tal-ikel taħt it-tinda f'Misraħ il-Parroċċa<br>- Varjeta` ta' kant u mużika mtellgħa bis-sehem tal-Melbrass, Il-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial u talent lokali |
| Il-Ħadd 22 ta' Diċembru | - Attivita` għall-anzjani bis-sehem tal-grupp folkloristiku Mellieħi Simar u Kieth Dance Studio<br>- *Party* ghat-tfal bejn it-3 u l-10 snin li jinkludi *shows* minn karattri popolari u rigali |
| It-Tnejn 23 ta' Diċembru | - Varjeta` ta' kant u mużika bis-sehem tal-*Junior Choir & Orchestra* tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, Joe Grech u Alice, u l-*Big Friends* Guggen Musik<br>- Kunċert mill-*Big Band Brothers* |
| It-Tlieta 24 ta' Diċembru | - Purċissjoni tradizzjonali bil-Bambin organizzata mill-MUSEUM<br>- Siltiet mużikali marbuta mal-Milied mill-Kor Vuċijiet Vittorjani tas-Societa` Filarmonica La Vittoria u mill-banda tal-Għaqda Mużikali Imperial |
| L-Erbgħa 25 ta' Diċembru | - Kolazzjon tal-Milied |

11.5. Is-Sur C. Bartolo ppropona li attrazzjonijiet oħra jistgħu jinkludu:

- Bejgħ ta' ikel u prodotti lokali mill-għaqdiet Melleħin;
- Wirja ta' prodotti agrikoli Maltin;
- Wirja ta' presepji u artiġġjanat imtellgħa mill-Art Club 2000;
- Wirja ta' artiġġjanat imtellgħa mill-Ladies Craft Circle u diversi wirjiet oħra;
- Bejgħ ta' prodotti tal-Milied;
- Rokna għat-tfal b'logħob varjat bis-sehem ta' karattri popolari;
- Presepju ħaj; u
- *Pony rides*.

11.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 12.1. Tibdil fil-kuntratt dwar il-Manutenzjoni u Żamma tal-Latrini Pubbliċi (L/3/Vol III)

12.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm fid-seduta Nru. 10 tal-21 ta' Ottubru 2013 dwar in-nuqqasijiet li ġew osservati f'dan is-servizz wara l-prova tas-Sajf. Is-Sindku

għarraf li saru kuntatti mal-kuntrattur konċernat fejn ġiet spjegata lilu l-ħtieġa li jkun hemm preżenza kontinwa, partikularment fil-latrini tar-Ramla tal-Mixquqa u dik tal-Għadira (San Remo). L-istess kuntatti trattaw il-ħtieġa illi l-latrini kollha jibqgħu miftuħa mas-sena kollha. Dan, bl-eċċezzjoni tal-latrina li hemm fi Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata, li tinfetaħ biss f'okkażjonijiet speċjali. L-iskeda nħadmet b'tali mod, li bejn Novembru u April ikun hemm *attendant* ibbażat fil-latrina tar-Ramla tal-Mixquqa u jillarġa biss biex inaddaf l-erba' latrini l-oħra bi frekwenza ta' darbtejn kuljum. Is-servizz bejn Mejju u Ottubru jingħata minn żewġ *attendants* li jkunu bbażata fil-latrini tar-Ramla tal-Mixquqa u dik tal-Għadira (San Remo), li bejniethom ilaħħqu mat-tindif tat-tliet latrini l-oħra bi frekwenza ta' tliet darbiet kuljum. Il-ħinijiet tal-attendenza proposti fl-abbozz ġew miżjuda b'mod sinifikanti minn 4058 għal 7,658 bl-iskeda riveduta.

12.3. Is-Segretarju spjega li l-varjazzjoni fis-servizz skont l-iskeda mehmuża ma' dawn il-minuti m'għandiex tinvolvi nefqa li taqbeż l-20% tal-valur oriġinali tal-kuntratt (€39,321), ossija €47,185. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li spiża annwali li taqbeż dan l-ammont tkun tirrikjedi t-terminazzjoni tal-kuntratt, u ssir sejħa għall-offerti, skont kif provdut fil-klawsola 47 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-Kuntratt u l-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali.

12.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm il-darba, il-kuntrattur ma' jaċċettax li jirrendi s-servizz b'attendenza kontinwa f'waħda, jew tnejn mil-latrini, huwa jista' jiġi mitlub jopera fuq numru inqas ta' latrini bl-20% varjazzjoni. Is-servizz fil-latrini li jifdal jingħata permezz ta' sejħa għall-offerti fuq kuntratt li jiġġedded minn sena għal sena.

12.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jitkomplew il-kuntatti mal-kuntrattur, fejn għandhom jiġu trattati l-għażliet imsemmija hawn fuq, inkluż l-irtirar tal-kuntratt attwali u ssir sejħa għall-offerti li permezz tagħha jintalab servizz wieħed fuq il-latrini kollha flimkien.

## 13.1. Arranġamenti tat-traffiku ġodda fi Triq Ġuże` Flores (T/3/2/Vol XII)

13.2. Is-Segretarju fakkar li l-intenzjoni tal-Kunsill dwar l-għeluq ta' Triq Ġuże` Flores, bejn Triq Pietru Pawl Caruana u Triq Toni Pace, ġiet imħabbra fl-edizzjoni tal-magazin "Mill-Qiegħa" ta' Novembru 2013. Is-Segretarju qal li kien hemm *e-mail* wieħed fuq dan is-suġġett, fejn min kiteb ilmenta li bl-arranġamenti propost ser jitnaqqas l-ispażju għall-ipparkjar għan-nies li jżuru l-Park tal-Familja. L-istess persuna ssuġġeriet li l-parti in kwistjoni tista' ssir *one-way* u hekk ikunu jistgħu jipparkjaw vetturi fuq iż-żewġ naħat, filwaqt li jsiru *speed humps*.

13.3. Is-Sindku kkummenta li hemm tendenza minn xi wħud li jaqsmu għal Ġnien Dun Anton Debono fejn hemm il-*pump room* billi l-ħajt huwa baxx u minħabba din ir-raġuni, f'dik il-parti ma tikbirx il-lantana li ddawwar il-kumplament tal-ġnien.

13.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex issir *pedestrian crossing* bil-*belisha light*, preċiżament quddiem id-daħla ewlenija tal-Park minn Triq Ġuże` Flores, kif ukoll *railing* li jibda mill-kantuniera ta' Triq Pietru Pawl Caruana sabiex il-*pedestrians* jaqsmu biss minn fuq iż-*zebra crossing*.

13.5. Il-Kunsill approva din l-miżura.

## 14.1. Jum il-Kunsill 2014 (A/5/3/1/Vol XIV)

14.2. Is-Sindku ppropona li bi tħejjija għall-onoreficenzi li jiġu ppreżentati fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2014, għandha ssir reviżjoni tal-kriterji li kienu applikabbli fl-edizzjonijiet preċedenti. Għaldaqstant huwa ssuġġerixxa li jitwaqqaf kumitat apposta, kompost minn: il-Viċi Sindku C. Bartolo, il-Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini, u s-Sinjuri Joseph Borg (ex-Sindku), Pawlino Mifsud u n-Nutar Dr Jonathan Vella.

14.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

## 15.1. Xogħlijiet fi Triq il-Wied Ta' Ruman (T/4/13/Vol XI)

15.2. Is-Sindku rrefera għax-xogħlijiet li għaddejjin fit-triq imsemmija u qal li l-*Contract Manager* – il-Perit Daniel Cordina – ġibed l-attenzjoni li l-bażi tat-triq hija taflija u għalhekk tista' tagħti l-problemi, kemm-il darba ma titbaxxiex iktar u tingħata saff ta'

*cement stabilization*. Huwa qal ukoll li huwa rakkomandabbli li l-ħajt tas-sejjieħ illi hemm fuq ġenb wieħed tal-istess triq, fuq ir-riħ ta' Triq il-Marfa għandu jiġi mgħolli sabiex it-triq tibqa' bil-wisa' attwali, filwaqt li ma jkunx hemm il-ħtieġa li jsir puġġaman. Skont stima sottomessa mill-Perit Cordina, is-*cement stabilization* jammonta għal €7,696, filwaqt li l-ħajt tas-sejjieħ ġie stmat għal €13,338.

15.3. Is-Sur J. Buttigieg spjega li l-parti t'isfel, li qed issir minn Transport Malta, ma' ngħatatx dan it-tip ta' trattament billi s-servizzi saru flimkien mal-kostruzzjoni tat-triq u għalhekk ġie mneħħi t-tafal li kien hemm.

15.4. Il-Kunsill approva n-nefqa billi l-kont relattiv ser jiġi ppreżentat fis-sena finanzjarja 2014, meta ser ser ikun vot għar-*resurfacing* ta' Triq il-Wied Ta' Ruman u Triq il-Marlozz.

## 16.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li għall-ħarġa tal-21 ta' Novembru 2013 li kienet tinkludi Quddiesa fil-Knisja ddedikata lil San Franġisk, u żjara fl-Akwarjum Nazzjonali fil-Qawra, attendew 110 persuna. Hija qalet li dawn inġarru f'żewġ *coaches* u *minibus* waħda.

16.3. Ġie propost li l-ħarġa li jmiss issir fl-10 ta' Diċembru 2013 u tkun tinkludi l-wirja tal-presepji fil-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani fir-Rabat.

16.4. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment.

## 17.1. Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2013 (F/5)

17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb li sar bejn it-13 u s-17 ta' Novembru 2013 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenza fil-Belt Valletta. Hija qalet li l-konkorrenza għaliha kienet relattivament baxxa, forsi minħabba l-fatt li ħabtet mal-attivitajiet tal-*Free Travel to Gozo Weekend*. Mill-i*stand* tal-Kunsill kien hemm bejgħ totali ta' €421.58 li €118.24 minnhom kienu pubblikazzjonijiet tal-Kunsill.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## *18.1.* Skema Tagħlim Tul il-Ħajja *(Lifelong Learning)* (E/3/1/Vol III)

*18.2.* Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet lill-Kunsill illi attendiet laqgħa organizzata mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni dwar l-iskema msemmija, fejn fost suġġetti oħra trattat il-problema ta' nuqqas ta' għalliema biex jiġu jgħallmu fil-Mellieħa. Hija qalet li dan il-fattur qed iżomm milli jsiru korsijiet f'suġġetti minbarra dak fil-lingwa Maltija. Id-Diviżjoni tikkonsidra li tingaġġja għalliema residenti fil-Mellieħa li jkunu nteressati jgħallmu taħt l-iskema, kemm-il darba dawn jiġu ndikati mill-Kunsill Lokali.

*18.3.* Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 19.1. Teżijiet ta' studenti universitarji (L/4/Vol III)

19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li studenti universitarji Melleħin jiġu mħajra jħallu kopja tat-teżi tagħhom fl-uffiċċju tal-Kunsill bil-għan li maż-żmien tinħoloq librerija. Għaldaqstant hija ssuġġeriet li jsir appell għal dan il-għan fil-ħarġa li jmiss tal-magazin "Mill-Qiegħa".

19.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li jista' jsir appell, minkejja li l-istudenti ma jistgħux jiġu obbligati li jagħmlu dan.

## 20.1. Żjara ta' informazzjoni dwar l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (U/1/1)

20.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarrfet li bħala kunsilliera mill-grupp tal-Partiti Soċjal Demokratiċi, aktar kmieni f'Novembru 2013 hija ħadet sehem fi zjara ta' familjarizzazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-istess Unjoni li jinsabu fi Brussell. Din kienet ikkordinata mir-Rappreżentanza tal-Unjoni Ewropea f'Malta.

20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

21.1. **Applikazzjoni għall-finanzjament ta' proġett taħt il-Miżura 313 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/23)**

21.2. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li saret sabiex tiġi rrestawrata l-Armerija fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa. Huwa għarraf li t-talba kellha tiġi sospiża peress li skont ir-regolamenti tal-Miżura, il-Kunsill mhux eligibbli għaliex m'għandu ebda titolu legali fuq l-istess binja.

21.3. Is-Segretarju qal li minkejja dan, il-Kunsill jista' ikompli bil-proċedura tad-devoluzzjoni, bil-għan li jiġi eliġibbli u b'hekk ikun jista' japplika mill-ġdid meta jkun hemm fondi disponibbli taħt il-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-snin 2014-2020.

21.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**22.1. Assembea Ġenerali tal-EDEN Network (T/12/2)**

22.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-Board of Administrators tal-*European Destination of Excellence Network* ser issir f'Berlin fit-18 ta' Frar 2014.

22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**23.1. Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013 – 2014 (F/1/7/Vol III)**

23.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-Memo 25/2013 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fil-25 ta' Ottubru 2013 dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa spjega li l-massimu li kunsill jista' jingħata taħt l-iskema huwa €10,000 għal kull attivita`, filwaqt li l-Iljieli Melleħin ma jikkwalifikawx għall-fondi, peress li jiġu f'Awwissu. Huwa qal li skont rendikont aġġornat, l-edizzjoni 2013 swiet total ta' €24,270, filwaqt li kien hemm dħul ta' €12,978. Is-Sur C. Bartolo kkummenta li l-Iljieli Melleħin jattiraw numru konsiderevoli ta' nies u jiġġeneraw ħafna kummerċ fuq medda ta' tliet ijiem, Milied Mellieħi mhux daqshekk sostenibbli, billi l-attivitajiet ikunu kkonċentrali f'post wieħed fuq ġimgħa sħiħa meta titqies l-ispiża nvoluta. Huwa aċċenna wkoll għall-fatt li l-kiri tat-tinda jieħu parti sostanzjali mill-ispiża nvoluta.

23.3. Fid-dawl ta' dan huwa rrakkomanda li fl-Lejliet l-Ewwel tas-Sena 2015 jista' jsir kunċert mużikali, fid-dawl tal-fatt li fin-naħa ta' fuq ta' Malta ma jiġi organizzat xejn ta' din ix-xorta. Dan ikun jinvolvi wkoll il-kiri ta' palk, apparat tal-*audio* u tinda iżgħar għall-orkestra biss. Is-Sur C. Bartolo rrakkomanda wkoll li flimkien ma' dan jista' jiġi organizzat Festival Internazzjonali tal-Baned fix-xahar ta' Mejju. Dawn iż-żewġ avveniment ġodda jkunu jikkwalifikaw għall-finanzjament tal-Iskema Inizjattivi Attivitajiet Kulturali, filwaqt li l-Iljieli Melleħin jibqgħu ffinanzjati kollha mill-fondi ordinarji tal-Kunsill u dħul ieħor li jista' ikun hemm.

23.4. Il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni għall-finanzjament mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, għandhom ikunu fuq il-Festival Internazzjonali tal-Baned u l-Kunċert ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena 2015.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2013 fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |